



Brussell, 28 ta' Lulju 2025

CM 3778/25

Fajls Interistituzzjonali:
2025/0136(NLE)
2024/0150(NLE)

TELECOM
CYBER
PROCED

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt: teleinfo@consilium.europa.eu

Tel./Fax: +32.2.281.7813

Suġġett: **TMIEM TAL-PROĊEDURA BIL-MIKTUB**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt

- Adozzjoni tad-deċiżjoni li tintalab l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

Id-delegazzjonijiet qed jiġu infurmati li l-proċedura bil-miktub miftuħa bid-dokument **CM 3724/25** tat-23 ta' Lulju 2025 tlestiet fit-**28 ta' Lulju 2025** u li d-delegazzjonijiet kollha vvutaw favur id-deċiżjoni li tintalab l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew biex tiġi adottata:

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt

Id-dikjarazzjoni ppreżentata mid-delegazzjoni Taljana hija riprodotta fl-anness ta' dan is-CM.

Is-Segretarjat tal-Kunsill jieħu l-opportunità biex jirringrazzja lid-delegazzjonijiet għall-kooperazzjoni tagħhom.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Italja

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-intelliġenza artifiċjali u d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt

L-Italja laqgħet tajjeb l-adozzjoni mill-Kunsill tal-Ewropa, fis-17 ta' Mejju 2024, tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt, u l-iffirmar tal-Konvenzjoni mill-Unjoni Ewropea fil-5 ta' Settembru 2024.

Fil-kuntest tal-konklużjoni tal-Konvenzjoni, l-awtoritajiet Taljani jixtiequ jirreferu għad-dibattitu li sar fil-Kunsill bi tħejjija għall-adozzjoni tad-deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni tiffirma l-Konvenzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea. L-awtoritajiet Taljani jikkonfermaw b'mod partikolari li b'kunsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati u s-sett attwali ta' normi tal-UE f'dan il-qasam, hemm raġunijiet li jappoġġaw l-eżistenza ta' kompetenza konkorrenti, kif ikkonfermat minn partijiet speċifiċi tal-Att dwar l-IA, jiġifieri dwar kompetenza nazzjonali riżervata fi kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali u dwar il-ħtieġa ta' leġiżlazzjoni domestika tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament.

Fl-istess ħin, l-Italja tixtieq tenfasizza li l-awtoritajiet Taljani ser isegwu mill-qrib l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill li awtorizzat lill-Kummissjoni tiffirma l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa u għalhekk ser jagħtu attenzjoni partikolari sabiex jiġi żgurat li l-Kummissjoni Ewropea ssegwi l-proċess previst fir-rigward tal-funzjonament tal-Konferenza tal-Partijiet u r-rwol li l-Unjoni Ewropea ser ikollha fiha.

F'dan ir-rigward huwa tabilħaqq importanti li jekk ma jirnexxilhiex tiżgura li l-UE tikseb 27 vot fil-Konferenza tal-Partijiet, il-Kummissjoni ttipponi li l-Istati Membri jkun awtorizzati jaderixxu mal-Konvenzjoni flimkien mal-Unjoni, sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni jkollha għadd ta' voti li jirrifletti l-piż tagħha fil-Kunsill tal-Ewropa u jippermettilha tħares l-interessi tagħha b'mod adegwat.

Jekk is-27 vot ma jinkisbux u l-Istati Membri ma jkunux awtorizzati jaderixxu mal-Konvenzjoni, l-awtoritajiet Taljani ser jivvalutaw is-sitwazzjoni billi jqisu li, f'dak il-każ, l-interess ġenerali tal-Unjoni ma jkunx imħares b'mod adegwat.